**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Mejju, 2017**

**Citazzjoni Nru: 1156/2012 AF**

**T.A.F. Company Limited (C-3139)**

**vs**

**Paul Gambin**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimat permezz ta' rikors datat 29 ta' Awwissu 2012 inizja l-procedura tal-bejgh tas-subbasta tal-fond ossia 'garage' bl-isem ta' "Emeng" fi Triq Domencio Cachia, Birkirkara u dana minhabba li l-istess intimat kien kreditur ta' Frank Gambin fil-kapacità tieghu personali u tas-socjetà K.T. Company Limited (C-7291) u dana skond sentenza fl-ismijiet "Paul Gambin vs Frank Gamvin pro et noe deciza fl-1 ta' Dicembru 2006 per Imhallef Gino Camilleri citazzjoni numru 1151/97GC.

L-imsemmija proceduri bis-subbasta gew appuntati u s-subbasta in kwistjoni li permezz taghha kien ser il-bejgh tal-imsemmi fond iggiv in-numru 88/12.

Jirrizulta però li l-imsemmi garage ma jappartjeni lill-ebda wiehed mid-debituri tal-intimat u dana peress li l-garage huwa di fatti proprjetà tas-socjetà T.A.F. Company Limited, ir-rikorrenti f'dina l-kawza.

L-esponenti gharfu b'dan il-fatt lill-intimat izda dana xorta wahda ippersista bil-proceduri tas-subbasta kif ser jirrizulta.

Isegwi ghalhekk li l-intimat ma jistax jitlob li l-imsemmi fond jigi mibjugh fis-subbasta citata stante li l-intimat ma ghandu ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li 'n effetti l-garage bl-isem ta' "Emerg" huwa proprjetà tas-socjetà rikorrenti.

2. Konsegwentement tordna illi l-proceduri tas-subbasta bl-isem 'Paul Gambin vs Frank Gambin pro et noe' numru 88/12 jitwaqqfu u jigu annullati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana minhabba li l-proprjetà li qed jintalab li tigi mibjugha f'dawk il-proceduri tappartjeni lis-sojcetà rikorrenti.

Bl-ispejjez u b'hekk l-initmat minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Il-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-attur irid jipprova t-titolu fuq l-fond in kwistjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-proprjetà ossia garaxx bl-isem ta' 'Emeng', Triq Domenico Cachia, Birkirkara, jappartjeni lilha u konsegwentement tordna li l-proċeduri tas-subbasta fl-ismijiet Paul Gambin vs Frank Gambin pro et noe jiġu annullati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi stante li l-proprjeta li qed jintalab li tiġi mibjugħa f'dawk il-proċeduri jappartjeni lilha u mhux lid-debituri tal-konvenut. Il-konvenut wieġeb għat-talbiet attriċi billi eċċepixxa li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li s-soċjetà attriċi għandha tipprova t-titolu tagħha fuq il-proprjetà in kwistjoni.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-konvenut huwa kreditur ta' ħuħ Frank Gambin u tas-soċjetà K.T. Company Limited u dan skont sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Paul Gambin vs Frank Gambin pro et noe tal-1 ta' Diċembru 2006. In eżekuzzjoni ta' din is-sentenza, il-konvenut inizja l-proċedura tal-bejgħ bis-subbasta tal-proprjetà in kwistjoni. Peress illi s-soċjeta attriċi tgħid illi din il-proprjetà tappartjeni lilha u mhux lid-debituri tal-konvenut, u ċioè s-soċjetà K.T. Company Limited u Frank Gambin f'ismu personali, hija talbet u ottjeniet s-sospensjoni tal-proċedura tal-bejgħ bis-subbasta u pproċediet b'din il-kawża.

In sostenn tal-pretensjonijiet tagħha, is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tar-riċerki magħmula fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu hija akkwistat il-proprjetà *de quo* fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut fit-28 ta' April 1982. Jiġi rilevat illi fuq dan il-kuntratt isem il-proprjeta ġie indikat bħala 'Emen'. Madanakollu, mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet illi din hija l-istess proprjetà li qiegħed jintalab il-bejgħ tagħha bil-proċedura tas-subbasta.

Da parti tiegħu, il-konvenut ikkonferma li huwa kreditur tas-soċjetà K.T. Company Limited u ta' Frank Gambin

personalment. Huwa ppreżenta kopji ta' rċevuti fiskali minn fejn jirriżulta li s-soċjetà K.T. Company Limited tiġġestixxi n-negozju tagħha mill-proprjetà in kwistjoni. Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi l-proprjetà tappartjeni lilha. Il-konvenut isostni wkoll illi s-soċjetà attriċi m'għadhiex teżisti imma ma ressaq l-ebda prova ta' dan in kwantu li mid-dokumenti eżebiti jirriżulta biss illi permezz ta' ittra datata 31 ta' Diċembru 2012, l-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) talbet lis-soċjetà attriċi għall-informazzjoni dwar jekk il-kumpannija għadhiex topera. Is-soċjetà attriċi ġiet avżata wkoll li f'każ illi l-Awtorità ma tirċevix risposta, hija kienet ser tkompli bil-proċedura sabiex isem is-soċjetà jiġi mħassar minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji. Minkejja li Frank Gambin għan-nom tas-soċjetà attriċi jgħid illi s-soċjetà li huwa jirrappreżenta hija wieqfa, ma tressqet l-ebda prova li isem is-soċjetà attriċi effettivament tħassar minn fuq ir-reġistru. A tenur tal-artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji *'soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.'* Isegwi għalhekk illi sakemm isem is-soċjetà attriċi jiġi mħassar minn fuq ir-reġistru, din tibqa' teżisti u naturalment l-assi tagħha jibqgħu jappartjenu lilha.

Mill-provi prodotti din il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li l-proprjetà in kwistjoni tappartjeni lis-soċjetà attriċi u mhux lid-debituri tal-konvenut. Isegwi għalhekk illi l-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jitlob il-bejgħ bis-subbasta ta' din il-proprjetà.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-garaxx bl-isem 'Emeng', Triq Domenico Cachia, Birkirara, huwa proprjetà tas-soċjetà attriċi;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tordna li l-proċeduri tas-subbasta fl-isem Paul Gambin vs Frank Gambin pro et noe bin-numru 88/2012 jitwaqqfu u jiġu annullati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi in kwantu li l-proprjetà li tagħha

qiegħed jintalab il-bejgħ tappartjeni lis-soċjetà attriċi f'din il-kawża u mhux lid-debitur Frank Gambin pro et noe.

Spejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG